Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,461, 1 ta' Lulju, 2025

Taqsima B

A.L. 115 tal-2025

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinament tal-2025 biex jemenda l-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Pharmaceutical Science – B.Sc. (Hons) in Pharm. Sc. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dan l-ordinament magħmul mill-Bord tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġie approvat mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dan l-ordinament jista' jissejjaħ bħala l-Ordinament tal-2025 biex jemenda l-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Pharmaceutical Science – B.Sc. (Hons) in Pharm. Sc. – u għandu jinqara u jiftiehem bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Pharmaceutical Science – B.Sc. (Hons) in Pharm. Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija, ippubblikati bħala Avviż Legali 389 tal-2011, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dan l-ordinament għandu japplika għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2025 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul fil-Kors**

3. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul tal-Università, ikollhom ir-rekwiżiti speċjali għad-dħul fil-Kors imniżżla hawn taħt:

(a) għaddew fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola bi Grad Ċ jew aħjar fil-Kimika; u

(b) għaddew fil-Livell Intermedju jew Avvanzat tal-Matrikola fil-Matematika Pura."